MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 497/2006

**Dorianne Vella**

**vs**

**Clint Catania**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors fejn l-attrici ppremettiet illi:

1. In forza ta` skrittura privata ta` lokazzjoni datata 13 ta` Frar, 2004, Dokument *"A"*, l-attrici tat b`titolu ta` lokazzjoni lill-konvenut il-fond maghruf bhala Shop 1, f`numru 176, XXI September Avenue, Naxxar, ghall-perjodu, verso l-kera u bil-pattijiet u kondizzjonijiet hemm stipulati.

2. It-terminu tal-lokazzjoni pattwit bejn l-attrici u l-konvenut bl-imsemmija skrittura ta` lokazzjoni, skada fis-26 ta` Marzu, 2006.

3. Minkejja li skadiet l-imsemmija lokazzjoni, l-fond lokat mill-attrici lill-konvenut ghadu fil-pussess ta` l-istess konvenut li llum ghalhekk qed jokkupah bla ebda titolu validu fil-ligi.

4. Permezz ta` ittra ufficjali datata 15 ta` Mejju, 2006 (Dokument *"B"*), l-attrici interpellat lill-konvenut sabiex zmien tliet ijiem mid-data ta` dik l-istess ittra ufficjali hu jizgombra mill-imsemmi fond u jhallih liberu u vojt favur l-attrici izda hu baqa` inadempjenti.

5. Fic-citkostanzi tal-kaz jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artiklu 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta sabiex dan ir-rikors jigi deciz bid-dispenza tas-smigh tieghu billi l-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni valida fil-ligi xi jressaq kontra t-talba ta` l-attrici ghall-izgumbrament tieghu mill-fond maghruf bhala Shop 1, f`numru 176, XXI September Avenue, Naxxar.

6. L-attrici taf personalment il-fatti ghal dak li jirrigwardjaw l-iskrittura private ta` lokazzjoni datata 13 ta` Frar, 2004, u l-fatt li t-terminu pattwit f`dik l-iskrittura private skada fis-26 ta` Marzu, 2006. Dwar dan l-attrici tistrieh ukoll fuq ix-xhieda ta` l-Avukat Dottor Edward Woods li irrediga l-imsemmija skrittura ta` lokazzjoni, li kien prezenti waqt l-iffirmar taghha u li ffirma l-istess skrittura bhala xhud tal-firem u identita`.

**Raguni tat-Talba**

1. Kif appena fuq premess, ghalkemm il-konvenut gie interpellat mill-attrici permezz ta` ittra ufficjali datata 15 ta` Mejju, 2006 sabiex jizgombra mill-fond maghruf bhala Shop 1, f`numru 176, XXI September Avenue, Naxxar dan baqa` inadempjenti u konsegwentement l-istess hanut ghadu fil-pussess tieghu sa llum.

2. Ghalhekk qed tigi istitwita din il-procedura bid-dispensa tas-smigh ai termini ta` l-Artikoli 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Talbiet**

Ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, l-attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta` l-attrici bid-dispensa tas-smiegh tar-rikors ai termini ta` l-Artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex f`terminu qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti jizgombra mill-fond maghruf bhala Shop 1, f`numru 176, XXI September Avenue, Naxxar, stante li qed illum qed jokkupah bla titolu, u ghaldaqstant jirrilaxxa l-istess fond bhala liberu u vojt favor l-attrici.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta` l-ittra ufficjali datata 15 ta` Mejju, 2006, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li l-intimat, ghalkemm debitament notifikat, baqa` ma pprezentax risposta.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Tiddeciedi billi tilqa` t-talbiet kollha tal-attrici kif dedotti fl-istess rikors.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------